



3.9.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 - it-
taqsimiet kollha
(2020/0000(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Antonio Tajani

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispijja tal-fatt li ma hemm l-ebda referenza speċifika għall-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa fil-linji baġitarji rilevanti tal-komunikazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni. huwa tal-fehma li għandu jkun hemm baġit iddedikat għall-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa b'finanzjament adegwat, li jkun konformi mal-objettivi mogħtija fil-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew fuq il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa¹;
2. Jinsisti fuq żieda sinifikanti fl-appropriazzjonijiet għal-linja baġitarja "Il-promozzjoni tal-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni" b'konformità mal-emendi tal-Parlament għall-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-programm "Drittijiet u Valuri"²;
3. Jilqa' ż-żieda proposta ta' 12 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 5 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament meta mqabbla mal-baġit tal-2020 għas-"Servizzi ta' komunikazzjoni eżekuttivi u korporattivi"; jipproponi żieda ulterjuri biex tippermetti l-involviment attiv tal-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-indħil barrani u d-diżinformazzjoni;
4. Jipproponi żieda għal-linja "Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni" bl-għan li jiżdied id-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet tal-UE, tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, ikun hemm involviment proattiv maċ-ċittadini u jiġu pprovduti riżorsi addizzjonali biex jiġu ffinanzjati attivitajiet fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa; iqis li l-Parlament għandu jiggarrantixxi wkoll ir-riżorsi xierqa għall-Uffiċċji ta' Kollegament tiegħu għal dan il-għan;
5. Jilqa' ż-żieda proposta ta' 35 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 24 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament għas-"Servizzi ta' komunikazzjoni għaċ-ċittadini"; jipproponi żieda ulterjuri fid-dawl tal-iskala tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni li se jkunu meħtieġa fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa. jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposti meħtieġa, f'każ li jkunu meħtieġa appropriazzjonijiet ulterjuri;
6. Iħeġġeġ li ż-żiediet fil-baġit imsemmija hawn fuq iservu l-għan li jitwasslu riżultati konkreti u komunikazzjoni ta' kwalità liċ-ċittadini; sabiex jiġi żgurat it-twetliq ta' dawn l-għanijiet permezz tal-linji baġitarji msemmija hawn fuq, jeħtieġ li b'mod regolari tiġi ppubblikata ħarsa ġenerali ta' kif ir-riżorsi jkunu ntużaw u x'impatt kellhom.

¹ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0010_MT.html u https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0153_MT.html

² https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0040_MT.html

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.9.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 6 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Geert Bourgeois, Fabio Massimo Castaldo, Włodzimierz Cimoszewicz, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund, Charles Goerens, Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Laura Huhtasaari, Giuliano Pisapia, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Antonio Tajani, László Trócsányi, Mihai Tudose, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gilles Boyer, Cristian Ghinea, Maite Pagazaurtundúa, Nikolaj Villumsen